**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

## SENTENZA

Mogħtija llum, il-Ħamis, ħamsa (5) ta' Ġunju 2025

Kawża Nru 19/2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**
***(Avukat Julian Scicluna)***
***(Spettur Keith Xerri)***

**Vs**

**Peter Paul Debrincat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Peter Paul Debrincat**, iben Francis u Mary xebba Muscat, imwieled ir-Rabat, Għawdex fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 1962 u dikjarat li jirrisjedi ġewwa "Throu' Blue", Triq Għajn Berta, Nadur, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 8162(G) talli fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2025 bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa "Triq il-Qortin, in-Nadur, Għawdex", u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin u Għawdxin:

(1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor ċioe ta' Carmel Muscat f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, u ċioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Carmel Muscat;[1]

(2) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'l barra mil-limiti tal-provokazzjoni;[2]

(3) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.[3]

Il-Qorti ġiet umilment mitluba sabiex:

1. *pendente lite* tħaddem l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-benefiċċju tal-vittma u kemm -il darba tinstab ħtija fl-imputat sabiex tħaddem l-artikoli 382A et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. kemm -il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati hawn addebitati lilu jew liema minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. kemm -il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati hawn addebitati lilu jew liema minnhom, sabiex tħaddem id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens lill-vittma.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjali Prosekuturi;

---

[1] Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li reġa' ikkonsulta mal-legali tal-fiduċja tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-imputat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2025 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12:30hrs), il-kwerelant Carmel Muscat mar ġewwa l-għalqa tiegħu li tinsab fi Triq il-Qortin, Nadur, Għawdex flimkien ma' surveyor inkarigat minnu Saviour Bonello. Waqt li Muscat u Bonello kienu qegħdin fl-għalqa, l-imputat Peter Paul Debrincat avviċina lil Muscat u qallu li l-għalqa fejn kienu Muscat u Bonello kienet tiegħu. Muscat dak il-ħin stqarr li wieġeb lura lil Debrincat u staqsieh minn fejn kien ġabha l-għalqa. Ma' dan il-kliem Debrincat ta daqqa ta' ponn ġo wiċċ Muscat u laqtu f'ħalqu.

Sussegwentement, Peter Paul Debrincat mar ġewwa l-għalqa tiegħu, qabad biċċa injama kbira, mar għal Muscat u tah daqqa bl-istess injama ġo rasu. Carmel ipprova jilqa' d-daqqa b'idejh u konsegwenza ta' hekk ġarrab ġrieħi kemm f'idejh kif wkoll f'rasu.

Carmel Muscat u Saviour Bonello telqu minn fuq il-post biex ma jibqgħux jiġu imsawta minn Debrincat. Huma u ħerġin, Debrincat baqa' joffendi lil Muscat u jheddu li kien ser iqattgħu. Ħarġet wkoll mart Peter Paul Debrincat u bdiet tgħid il Muscat li hu kiesaħ.

Carmel Muscat kellu jiġi rikoverat l-Isptar minħabba l-ġrieħi li ġarrab. Il-ġrieġi sofferti minn Muscat ġew klassifikati bħala gravi.

In segwitu għar-rapport ta' Muscat u wara li l-Pulizija kellmu lil Saviour Bonello li wkoll kien preżenti għall-inċident li seħħ, il-Pulizija ottjenew mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat u ipproċedew għall-arrest tiegħu.

Fl-istqarrija li l-imputat ta lill-Pulizija wara li ikkonsulta ma' Avukat tal-Għajnuna Legali, huwa ammetta l-involviment tiegħu fil-każ.

Il-Pulizija evetwalment ressqet lill-imputat b'arrest biex iwieġeb għall-akkużi odjerni.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Għall-fini ta' piena l-Qorti sejra tieħu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni pjuttost bikrija tal-imputat. Dan pero ma jfissirx li hija sejra tiskarta l-gravita ta' dan il-każ.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 216, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib **lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu** u qiegħda tikkundannah **għal tmintax (18) -il xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qegħdin jiġu sospiżi għal żmien tlett (3) snin mil-lum**.

A tenur tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

In oltre wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittma Carmel Muscat. L-ordni qed tiġi magħmula għal żmien tlett (3) snin mil-lum taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni tat-trażżin.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-ħati jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proċeduri hekk kif ikkontemplat taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tiċħad tali talba stante li jirriżulta li ma ġewx imqabbda esperti jew periti f'dawn il-proċeduri. Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti lanqas tara li hemm lok li jiġi applikat l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qiegħda wkoll tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jiġi applikat dan l-artikolu jew xi artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens lill-vittma.

Finalment, a tenur tal-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qiegħda tordna sabiex fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur